

32002O0001

L 67/74

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.3.2002

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-27 ta' Frar 2002

li temenda Linja Gwida BĊE/2001/3 fuq Sistema ta' Trasferiment f'Fin Reali għal Sistemazzjoni Gross Espliċita Awtomatizzata Trans-Ewropea (Target)

(BĊE/2002/1)

(2002/202/KE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (hawnhekk iżjed "il quddiem imsejjaħ 'l-Istatut'), u b'mod partikulari l-Artiklu 3.1, l-Artiklu 12.1, l-Artiklu 14.3 u l-Artikoli 17, 18 u 22 tiegħu,"

Billi:

- (1) Ir-raba' inċiż ta' l-Artiklu 105(2) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea (hawnhekk iżjed "il quddiem imsejjaħ 'Trattat') u r-raba' inċiż ta' l-Artiklu 3.1 ta' l-Istatut jawtorizzaw lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u lill-Banek Ċentrali Nazzjonali (BĊNi) biex jippromovu t-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' pagament."
- (2) Taħt l-Artiklu 22 ta' l-Istatut, il-BĊE u in- BĊNi jistgħu jipprovdur faċilitajiet biex jassiguraw sistemi ta' pagamenti effiċjenti u f'kondizzjoni tajba fil-Komunita' u f'pajjiżi oħra.
- (3) Fl-14 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill Regulatorju addotta kalendarju fit-tul ta' ġranet operattivi Target biex jgħoddu mill-bidu ta' l-2002 sa notifika ulterjuri, skond għal-liema Target għandu jkun magħluq mhux biss is-Sibtijiet u l-Ħdud imma wkoll fl-Ewwel tas-Sena, il-Ġimgħa l-Kbira u Nhar it-Tnejn ta' wara l-Għid (skond il-kalendarju applikabbli fis-sede tal-BĊE), Jum il-Ħaddiema (l-1 ta' Mejju), Jum il-Milied u is-26 ta' Diċembru. Sabiex jassigura kundizzjonijiet ugwali għall-parteċipanti kollha, il-Kunsill Regulatorju ddeċieda wkoll li Target sħiħ, inkluż sistemi f'fin reali għal sistemazzjoni gross domestika (RTGS), għandu jkun magħluq, u implika li la transazzjonijiet esteri u lanqas domestiċi m'għandhom ikunu pproċessati mit-Target f'dawn il-ġranet. Il-prinċipju ta' trattament indaqs m'għandux ikun ta' ostaklu għal xi divrenzjar oġġettivament ġustifikat minn sitwazzjonijiet nazzjonali speċifiċi. L-għeluq totali ta' Hermes (is-sistema RTGS Griega), inklużi transazzjonijiet domestiċi, joħloq disturb għall-pubbliku ġenerali u industrija bankarja Griega peress li l-Għid Ortodoss rari jikkoinċidi ma' l-

Għid Protestant/Kattoliku kopert mill-kalendarju applikabbli fis-sede tal-BĊE, li fil-fatt jimplika diversi ġranet żejda meta s-swieq domestiċi Griegi ikunu magħluqin. Barra dan, in-numru ta' ġranet konsekuttivi magħluqin hu akbar meta l-festi pubbliċi ta' l-Għid Protestant/Kattoliku u Ortodoss huma ġimgħa biss "il bogħod minn xulxin, bħal ma hu l-każ fis-sena 2003, fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu Griegi joperaw tlett ijiem biss minn perjodu ta' 11-il ġurnata. Għal din ir-raġuni, għandha ssir derogazzjoni straordinarja u limitata mill-ġranet operattivi tat-Target waqt il-festi pubbliċi ta' l-Għid għal perjodu ta' tliet snin, li warajh is-sitwazzjoni Griega tkun rivalutata għal darb'oħra skond il-bażi ta' esperjenza."

- (4) Barra dan, l-Anness V tal-Linja Gwida BĊE/2001/3 tas-26 t'April 2001 dwar Sistema ta' Trasferiment f'Fin Reali għal Sistemazzjoni Gross Espliċita Awtomatizzata Trans-Ewropea (Target) ⁽¹⁾, li jikkonċerna il-lista ta' "out" collateral li tista' tkun applikata biex tiggarantixxi kreditu fost il-ġranet tat- Target, għandu jkun emendat sabiex jippermetti tlett banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li addottaw munita unika skond it-Trattat biex jaċċettaw bonds maħruġa minn Damaras Skibskreditfond u KommuneKredit bħala garanzija għall-kreditu li jingħata f'ġurnata.
- (5) Skond l-Artiklu 12.1 u l-Artiklu 14.3 ta' l-Istatut, il-linji gwida BĊE jiffurmaw parti integrali mill-liġi tal-Komunita',

ADDOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Linja Gwida BĊE/2001/3 hi emendata kif ġej:

1. L-Artiklu 2(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Is-Sistema ta' Trasferiment f'Fin Reali għal Sistemazzjoni Gross Espliċita Awtomatizzata Trans-Ewropea hi sistema gross f'fin reali għall-ewro. Target hu magħmul minn sistemi nazzjonali RTGS, il-mekkaniżmu tal-pagament BĊE u interlinking."

(¹) ĠU L 140, ta' l-24.5.2001, p. 72.

2. L-Artiklu 3(d)(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“1. *Ġranet operattivi*

Mill-2002, Target kollu se jkun magħluq is-Sibtijiet, il-Ħdud, l-Ewwel tas-Sena, l-Ġimgħa l-Kbira u Nhar it-Tnejn ta' wara l-Ġħid (skond il-kalendarju applikabbli fis-sede tal-BĊE), l-1 ta' Mejju (Jum il-Ħaddiem), Jum il-Milied u s-26 ta' Diċembru.

Mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi hawn fuq, dawn is-servizzi limitati li ġejjin biss jistgħu, straordinarjament, matul is-snin 2002 sa' l- 2004, jintrabtu f'Hermes, is-sistema RTGS Griega, fil-Ġimgħa l-Kbira u Nhar it-Tnejn ta' wara l-Ġħid (skond il-kalendarju applikabbli fis-sede tal-BĊE), meta dawn il-ġranet ma jikkoinċidux ma' l-Ġħid Ortodoss:

- (a) sistemazzjoni ta' pagamenti domestiċi tal- konsumatur, u
- (b) sistemazzjoni ta' pagamenti konnessi mal- kunsinna ta' flus kontanti minn u rendikont ta' flus kontanti lill-Bank tal-Greċja, u
- (ċ) operazzjonijiet ta' sistemazzjoni tal-*Clearing Office* ta' Ateni u s-sistemi DIAS ta' pagamenti ta' l-imnut.”

3. L-Anness V hu mibdul mit-test fl-Anness ta' din il-Linja Gwida.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

Din il-Linja Gwida hi indirizzata lill-Banek Ċentrali Nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti.

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fit-22 ta' Marzu 2002.

Kull BĊN għandu jinforma lill-BĊE dwar il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji biex iħarsu din il-Linja Gwida mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2002.

Din il-Linja Gwida għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-27 ta' Frar 2002.

Għan-nom tal-Kunsill Regulatorju tal-BĊE
Christian NOYER

L-ANNEX

"L-ANNEX V

LISTA TA' 'OUT' COLLATERAL

li tista' tintuża biex tiggarrantixxi kreditu li jingħata f'għurnata għal kull BĊN ta' Stat Membru parteċipant li ddiċkjara l-intenzjoni tiegħu li juża ċerta garanzija alllokata fil-pajjiż ta' Bank Ċentrali Nazzjonali ta' Stat Membru li m'addottax il-munita waħdanija u li l-intenzjoni tiegħu għet approvata mill-BĊE skond l-Artiklu 3(f)(3) u l-Artiklu 3(g) tal-Linja Gwida tat-TARGET:

| BĊN parteċipanti | Użu approvat ta' 'out' collateral |
|-------------------------------|---|
| DEUTSCHE BUNDESBANK | <ul style="list-style-type: none"> - Gvern Daniż u <i>bonds</i> ta' ipoteka u kreditu u <i>bonds</i> maħruġa minn Danmarks Skibskreditfond u KommuneKredit ⁽¹⁾ - Strumenti ta' dejn u ipoteka tal-gvern Svediż <i>bonds</i> ta' istituzzjonijiet - titli bla riskju tal-gvern tar-Renju Unit - kambjali tat-Teżor tar-Renju Unit |
| BANCO DE ESPAÑA | <ul style="list-style-type: none"> - titli bla riskju tar-Renju Unit - kambjali tat-Teżor tar-Renju Unit |
| BANQUE DE FRANCE | <ul style="list-style-type: none"> - gvern Daniż u <i>bonds</i> ta' ipoteka u kreditu u <i>bonds</i> maħruġa minn Danmarks Skibskreditfond u KommuneKredit ⁽²⁾ - strumenti ta' dejn u ipoteka tal-gvern Svediż <i>bonds</i> ta' istituzzjonijiet - titli bla riskju tal-gvern tar-Renju Unit - kambjali tat-Teżor tar-Renju Unit |
| BANK ĊENTRALI TA' L-IRLANDA | <ul style="list-style-type: none"> - titli bla riskju tar-Renju Unit - kambjali tat-Teżor tar-Renju Unit |
| BANQUE CENTRALE DU LUXEMBOURG | <ul style="list-style-type: none"> - gvern Daniż u <i>bonds</i> ta' ipoteka u kreditu |
| DE NEDERLANDSCHE BANK | <ul style="list-style-type: none"> - gvern Daniż u <i>bonds</i> ta' ipoteka u kreditu u <i>bonds</i> maħruġa minn Danmarks Skibskreditfond u KommuneKredit ⁽³⁾ - strumenti ta' dejn u ipoteka tal-gvern Svediż <i>bonds</i> ta' istituzzjonijiet |
| SUOMEN PANKKI | <ul style="list-style-type: none"> - gvern Daniż u <i>bonds</i> ta' ipoteka u kreditu - strumenti ta' dejn u ipoteka tal-gvern Svediż <i>bonds</i> ta' istituzzjonijiet - titli bla riskju tal-Gvern tar-Renju Unit - kambjali tat-Teżor tar-Renju Unit |

⁽¹⁾ Minn barra *bonds* konnessi ma' referenzi għajr rati ta' imgħaxx u/jew, li għandhom karatteristiċi mhux obligatorji imma jinkludu *bonds* konnessi ma' inflazzjoni.

⁽²⁾ Minn barra *bonds* konnessi ma' referenzi għajr rati ta' imgħaxx u/jew, li għandhom karatteristiċi mhux obligatorji imma jinkludu *bonds* konnessi ma' inflazzjoni.

⁽³⁾ Minn barra *bonds* konnessi ma' referenzi għajr rati ta' imgħaxx u/jew, li għandhom karatteristiċi mhux obligatorji imma jinkludu *bonds* konnessi ma' inflazzjoni."